MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 431/2012

**Roxy Home Furnishings Ltd (C14859)**

**vs.**

**Cities Entertainment Limited (C16222)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ elfejn disa’ mija u sittin Ewro (€2,960) – rapprezentanti ammont dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta′ attrici ghal merkanzija konsistenti f’*laminate flooring* tad-ditta *“Quick Step”* mibjugha u kkonsenjata lill-istess socjeta′ konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici u l-fatt li s-socjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ elfejn disa’ mija u sittin Ewro (€2,960), bl-imghax legali dekorribbli mill-25 ta’ Mejju 2011 li hija d-data tal-fattura relattiva, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez huma a kariku tas-socjeta′ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------